**MALTA**

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT Dr IAN FARRUGIA LL.D**

**Illum 20 ta' Mejju 2017**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Joseph Busuttil)**
**Vs**
**Ommissis**

**IL-QORTI**;

Rat li l-imputata Ommissis detentrici tal-karta ta' l-identita bin-numru 241599M, giet akkuzata talli:

Fid-19 ta' Mejju 2017 u fix-xhur u snin ta' qabel f'diversi postijiet gewwa dawn il-Gzejjer b'diversi atti maghmulin minnek ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda;

1. Fornejt jew ipprokurajt jew offrejt li tforni jew li tipprokura id-droga kokajina, specifikata fl-ewwel skeda ta' l-ordinanza dwar il-medicini perikoluzi, Kap 101 tal-ligijiet ta' Malta lill-persuna jew persuni jew ghall uzu ta' persuna/i minghajr ma kellek licenzja mill-President ta' Malta minghajr ma kont awtorizzat bir-regoli tal-1939 ghall-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N.292/1939) jew minn xi awtorita moghtija mill-President ta' Malta li tforni id-droga u minghajr ma kont fil-pussess ta' awtorizzazjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet

tas-sitt taqsima ta' l-Ordinanza imsemmija u minghajr ma kellek licenzja jew xort' ohra awtorizzat li timmanifattura jew tforni d-droga msemmija u minghajr ma kellek licenzja li tipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-regolament 4 tar-regolamenti ta' l-1939 ghall-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentament emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta

**2.** Aktar talli fl-istes cirkostanzi fornejt jew ipprokurajt jew offrejt li tforni jew li tipprokura id-droga herojina, specifikata fl-ewwel skeda ta' l-ordinanza dwar il-medicini perikoluzi, Kap 101 tal-ligijiet ta' Malta lill-persuna jew persuni jew ghall uzu ta' persuna/i minghajr ma kellek licenzja mill-President ta' Malta minghajr ma kien awtorizzata bir-regoli tal-1939 ghall-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) jew minn xi awtorita moghtija mill-President ta' Malta li tforni id-droga u minghajr ma kont fil-pussess ta' awtorizzazjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tas-sitt taqsima ta' l-Ordinanza imsemmija u minghajr ma kellek licenzja jew xort' ohra awtorizzata li timmanifattura jew tforni d-droga msemmija u minghajr ma kellek licenzja li tipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-regolament 4 tar-regolamenti ta' l-1939 ghall-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentament emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta

**3.** Aktar talli fl-istess cirkostanzi kellek fil-pussess tieghek d-droga kokaina specifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-medicini perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kontx fil-pussess ta' awtorizzazjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kontx bil-licenzja jew xort' ohra awtorizzata li timmanifattura, jew li tforni d-droga msemmija u meta ma kontx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollok d-droga msemmija fil-pussess tieghek u nqast li tipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilek ghall-uzu tieghek skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli ta' l-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentament emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta

4. Aktar talli fl-istess cirkostanzi Kellek fil-pussess tieghek d-droga herojina specifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-medicini perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kontx fil-pussess ta' awtorizzazjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kontx bil-licenzja jew xort' ohra awtorizzat li timmanifattura, jew li tforni d-droga msemmija u meta ma kienitx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollok d-droga msemmija fil-pussess tieghek u nqast li tipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilek ghall-uzu tieghek skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli ta' l-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentament emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-verbal tas-Seduta ta' llum stess;

Rat l-Ordni ta` l-Avukat Generali bis-sahha ta` l-Artikolu 22(2) tal-Kapitolu 101 sabiex din il-kawza tinstema minn din il-Qorti bhala Qorti ta` Gudikatura Kriminali;

Rat l-atti u d-dokumenti u semghet lill-Ufficjal Prosekutur bil-gurament;

Semghet l-ammissjoni inkondizzjonata tal-imputata anki wara li inghatat iz-zmien skond il-Ligi sabiex tirrikonsidra tali ammissjoni;

Semghet is-sottomissjoniet finali dwar il-piena.

**Ikkunsidrat**;

Illi la darba l-imputata irregistrat ammissjoni inkondizzjonata ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra taghha, u wara li ghamlet l-accertamenti kollha mehtiega skond il-ligi meta ssir ammissjoni tali, u wara li qieset sew l-istqarrija tal-imputata, l-Qorti tiddikjara li l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha gew sodisfacentement ippruvati u ghalhekk ma ghandiex triq ohra hlief li tghaddi biex tiddikjaraha hatja taghhom.

**Ikkunsidrat**;

Illi in tema ta’ piena l-Qorti kkunsidrat is-segwenti temi, fost ohrajn:

1. L-ammissjoni ta` l-imputata, li hi wahda bikrija. Sahansitra hija ammettiet fl-istqarrija li hija rrilaxxat lill-pulizija waqt l-investigazzjoni;
2. Il-fedina penali netta ta` l-imputata;
3. Li t-tielet u r-raba imputazzjonijiet ghandhom jitqiesu bhala mezz ghall-fini ta` l-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet;
4. Id-dikjarazzjoni ta` l-ufficjal prosekutur kif ivverbalizzata fl-udjenza ta` llum stess illi minn dak li rrizultalu fl-investigazzjonijiet li ghamel, dan hu kaz klassiku ta` ‘sharing’ u konsegwentement ghandhom japplikaw id-dispozizzjonijiet tal-‘proviso’ ta` l-Artikolu 22(9) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta` Malta;
5. Dak indikat fis-sottomissjonijet orali tal-prosekuzzjoni fl-udjenza ta` llum stess illi l-aktar sanzjoni indikata f’dan il-kaz hi dik ikkontemplata fl-Artikolu 7 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta` Malta.

Illi certament, dawn il-fatturi kollha qed jittiehdu in konsiderazzjoni u certament ukoll li lkoll ser ikunu riflessi fil-piena jew sanzjoni li l-Qorti tinfliggi. Fil-fehema ta` din il-Qorti, il-piena tal-prigunerija f’dan il-kaz ma hijiex is-sanzjoni idoneja. Dak li hu zgur hu li l-imputata, fl-eta’ tenera taghha, u fil-kuntest wkoll tad-diffikultajjiet socjali li gia ghaddiet minnhom, hija definittivament ghandha bzonn l-ghajnuna u sorveljanza idonja.

**Decide:**

**Ghall-dawn il-mottivi, l-Qorti**, wara li rat l-Artikoli 17 u 31 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, it-Taqsimiet 4 u 6, it-taqsima 1 ta’ l-ewwel skeda, kif wkoll l-Artikoli 22(1)(a), (1B), 22(2)(b)(i), 22(2)(b)(ii) u 22(9) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta **issib lil Ommissis, fuq ammissjoni taghha stess, hatja tal-imputazzjonijiet kollha kif dedotti kontra taghha, u :**

1. **Dwar it-tielet u r-raba imputazzjonijet tikkundannha komplessivament ghall-piena tal-multa fis-somma ta’ €1,000 (elf Ewro); filwaqt li**

2. **Dwar l-ewwel u t-tieni imputazzjonijet** tordna li, *ai termini* ta' Arikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, l-imputata titqieghed taht Ordni ta' Probation ghal tliet (3) snin millum, bil-kundizzjonijiet li jidhrilhom li ghandhom jimponu, minn zmien ghal zmien, l-ufficcju tal-probation.

*Ai termini* ta' l-Artikolu 7(7) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti fissret lill-imputata Ommissis bi kliem car u li jinftiehem, l-effetti ta' l-ordni ta' *probation* u l-kondizzjonijiet l-ohra applikabbli skond il-ligi u li f'kaz li tonqos milli tikkonforma ruhha ma' dik l-ordni u dawk il-kondizzjonijiet u/jew f'kaz li taghmel reat iehor tul it-terminu ta' l-ordni ta' *probation,* tista' tinghata sentenza ghar-reati li taghhom nstabet hatja b'din is-sentenza.

*Ai termini* ta' l-Artikolu 7(8) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza u ta' l-ordni ta' *probation* ghandhom jigu trasmessi minnufih lid-Direttur tas-Servizzi ta' Probation sabiex jassenja ufficjal tal-*probation* biex ikun responsabbli ghas-sorveljanza ta' l-imputata Ommissis.

Dr Ian Farrugia LL.D
Magistrat

Marica Mifsud
Deputat Registratur